MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2024

Appell Inferjuri Numru 49/2022 LM

**Paul Polidano (K.I. nru. 232165(M))**
*('ir-ritrattand')*

***vs.***

**L-Awtorità tal-Ippjanar**
*('ir-ritrattata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa rikors ta' ritrattazzjoni magħmul mill-appellant **Paul Polidano (K.I.nru. 232165(M))** [minn issa 'l quddiem 'ir-ritrattand'] wara s-sentenza tal-appell ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, mogħtija fil-15 ta' Marzu, 2023, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza tal-appell'], li permezz tagħha ddeċidiet billi ċaħdet l-appell tiegħu fil-konfront tal-**Awtorità tal-Ippjanar** [minn issa 'l

quddiem ‘l-Awtorità ritrattata’], fejn ikkonfermat id-deċiżjoni tat-Tribunal ta’ Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-19 ta’ Lulju, 2022, [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’ u ‘id-deċiżjoni tat-Tribunal’ rispettivament], bl-ispejjeż kontra r-ritrattand.

**Fatti**

2. Il-fatti ta’ dawn il-proċeduri jirrigwardaw id-deċiżjoni tal-Awtorità ritrattata li permezz tagħha rrifjutat l-applikazzjoni tar-ritrattand nru. PA 1617/05 *‘to sanction existing villa’* ġewwa Ħal Safi. Ir-ritrattand kien appella minn dik id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal, li permezz tad-deċiżjoni tiegħu tad-19 ta’ Lulju, 2022, ċaħad l-appell tiegħu, u kkonferma r-rifjut tal-permess in kwistjoni.

**Mertu**

3. Ir-ritrattand intavola proċeduri tal-appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal quddiem din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, permezz tal-preżentata ta’ rikors fl-4 t’Awwissu, 2022.

4. L-Awtorità ritrattata wieġbet billi ssottomettiet li d-deċiżjoni tat-Tribunal kienet timmerita konferma, filwaqt li l-appell kellu jiġi miċħud.

**Is-Sentenza tal-Appell**

5. Din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, waslet għas-sentenza tal-appell wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dawn il-proċeduri:

***"Ikkunsidrat***

*L-aggravju tal-appellant jirrigwarda n-nuqqas tat-Tribunal li jqis sew l-element tal-* 'commitment' *fiż-żona kif kellu jirriżulta li ż-żona hi ġià kommessa b'bini fil-viċin u munita bi triq asfaltata. It-Tribunal kellu l-obbligu li jiddetermina l-eżistenza ta' dawn l-iżviluppi li jservu ta'* commitment *għall-ħruġ tal-permess.*

*Il-Qorti tqis dan l-appell bħala wieħed frivolu għall-aħħar. It-Tribunal daħal sew fit-tifsira ta'* 'commitment' *u jekk tali tifsira kinitx applikabbli għall-każ. It-Tribunal wasal għal konklużjoni ġusta għall-aħħar li dan l-iżvilupp jinsab ma' ġenb ieħor li wkoll hu illegali. Il-binjiet fil-faċċata jinsabu kollha fiż-żona ta' żvilupp. Ma hemm xejn aktar x'jiżdied ma' dan u żgur li dan hu każ fejn il-kunċett ta'* 'committment' *skont artikolu 72 lanqas jista' jiġi konsidrat meta jitqies r-raġunijiet ta' rifjut bażat fuq il-pjan strutturali u* policies *hemm imsemmija.*

*Għalhekk l-aggravju u l-appell qed jiġi miċħud."*

## Ir-rikors

6. Permezz tar-rikors tiegħu ppreżentat fl-14 ta' Ġunju, 2023, ir-ritrattand qed jitlob lill-Qorti sabiex:

*"1. Tħassar u tirrevoka s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet tal-15 ta' Marzu 2023;*

*2. Tordna l-kawża fl-ismijiet premessi tiġi ritrattata u l-istess kawża terġa' tiġi mismugħha mill-ġdid.*

*Salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Bl-ispejjeż kontra l-Awtorità ritrattata li hija minn issa nġunta in subizzjoni. B'riżerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-esponenti fil-liġi."*

7. L-Awtorità ritrattata wieġbet fis-7 ta' Lulju, 2023, fejn tissottometti li l-Qorti għandha tiċħad it-talba tar-ritrattand, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra qabel xejn is-sottomissjoni tal-Awtorità ritrattata, jekk tassew jeżistux l-elementi tal-para. (e) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 sabiex tirnexxi t-talba tar-ritrattand.

9. Tibda billi tikkunsidra dak li qiegħed jgħid ir-ritrattand, li qed jistrieħ fuq l-imsemmi para. (e) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 sabiex iressaq it-talba tiegħu għar-ritrattazzjoni tas-sentenza tal-appell. Huwa qiegħed isostni li din il-Qorti kif diversament ippreseduta, naqset milli tqis il-punti legali tal-appell tiegħu fejn ma kkunsidratx il-mertu fid-dawl tal-para. (d) tas-subartikolu 72(2) tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid li meta l-Bord tal-Ippjanar jasal sabiex jiddeċiedi dwar il-ħruġ o meno ta' permess, huwa għandu jikkunsidra:

> "kull ħaġa oħra ta' sustanza, kompriż *commitments* legali fil-viċin, konsiderazzjonijiet ambjentali, estetiċi u sanitarji, li l-Bord tal-Ippjanar jista' jqis bħala rilevanti".

Jikkontendi li għalhekk il-Qorti saħansitra m'applikat l-ebda liġi.

10. Il-Qorti tikkunsidra li skont dak li stqarr ir-ritrattand stess, l-ilment tiegħu hawnhekk huwa li din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, ma applikat l-ebda liġi u mhux li applikat l-liġi l-ħażina kif jirrikjedi b'mod inekwivoku l-para. (e) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12. Huwa jilmenta wkoll dwar in-nuqqas ta' dik il-Qorti li tanalizza d-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli għall-każ odjern, imma il-Qorti tqis li dan ma jistax isir taħt il-para. (e) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12. Minn hemmhekk 'il quddiem, is-sottomissjonijiet tar-ritrattand huma kollha fil-mertu, kwistjonijiet li ma setgħux jiġu kkunsidrati minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, u wisq inqas minn din il-Qorti fil-parametri stabbiliti permezz tal-

liġi li fuqha jistrieħ ir-ritrattand sabiex iressaq it-talba tiegħu għal ritrattazzjoni tas-sentenza tal-appell.

11. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tqis li ma tistax tilqa' t-talba tar-ritrattand.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar ir-rikors tar-ritrattand billi tiċħdu, bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**